

DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 154/2011

tat-2 ta' Diċembru 2011

li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

— **32009 D 0888:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/888/KE tat-30 ta' Novembru 2009 (ĠU L 318, 4.12.2009, p. 43)."

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitħat Konġunt taż-ŻEE Nru 122/2011 tal-21 ta' Ottubru 2011 ⁽¹⁾.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/742/KE tad-9 ta' Novembru 2007 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja lill-pompi tas-sħana mħaddma bl-elettriku, bil-gass jew bl-assorbiment tal-gass ⁽²⁾, għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/888/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li temenda d-Deċiżjonijiet Nru 2002/741/KE, 2002/747/KE, 2003/200/KE, 2005/341/KE, 2005/342/KE, 2005/343/KE, 2005/344/KE, 2005/360/KE, 2006/799/KE, 2007/64/KE, 2007/506/KE u 2007/742/KE sabiex ittawwal il-validità tal-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta Komunitarja lil ċerti prodotti ⁽³⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness XX ta' mal-Ftehim jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej jiġi miżjud ma' punti 2d (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/799/KE), 2da (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/64/KE) u 2y (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/506/KE):

„, kif emendat permezz ta':

⁽¹⁾ ĠU L 341, 22.12.2011, p. 87.

⁽²⁾ ĠU L 301, 20.11.2007, p. 14.

⁽³⁾ ĠU L 318, 4.12.2009, p. 43.

2. L-inċiż li ġej jiġi miżjud fil-punti 2e (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/200/KE), 2o (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/747/KE), 2q (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/341/KE), 2r (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/342/KE), 2s (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/343/KE), 2t (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/344/KE), 2u (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/360/KE) u 2x (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/741/KE):

— **32009 D 0888:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/888/KE tat-30 ta' Novembru 2009 (ĠU L 318, 4.12.2009, p. 43)."

3. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 2zb (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/18/KE):

"2zc. **32007 D 0742:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/742/KE tad-9 ta' Novembru 2007 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja lill-pompi tas-sħana mħaddma bl-elettriku, bil-gass jew bl-assorbiment tal-gass (ĠU L 301, 20.11.2007, p. 14), kif emendata permezz ta':

— **32009 D 0888:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/888/KE tat-30 ta' Novembru 2009 (ĠU L 318, 4.12.2009, p. 43)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2007/742/KE u 2009/888/KE fil-lingwi tal-Islanda u tan-Norveġja, li għandhom ikunu ppubblifikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-3 ta' Diċembru 2011, sakemm ikunu saru n-notifikasi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitħat Konġunt taż-ŻEE ^(*).

^(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonal.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u fis-Suppliment ŻEE ta' miegħu.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2011.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kurt JÄGER
